Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Marzu 2021**
**(OR. en)**

**6070/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0288 (NLE)**

**SOC 70**
**ANTIDISCRIM 6**
**GENDER 11**
**JAI 129**
**FREMP 25**
**COHOM 26**
**EDUC 44**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom |

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 19(1), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE[1] tistabbilixxi qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' oriġini razzjali jew etnika fl-Unjoni kollha b'rabta mal-impjiegi, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, il-vantaġġi soċjali u l-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, inkluża l-akkomodazzjoni. Skop wieħed ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva ta' dik id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri.

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

(2) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI[1] tobbliga lill-Istati Membri jikkriminalizzaw l-inċitament pubbliku għall-vjolenza jew il-mibegħda fuq il-bażi tar-razza, l-kulur, ir-reliġjon, id-dixxendenza jew l-oriġini nazzjonali jew etnika u jiżguraw li motivazzjoni razzista u ksenofobika titqies bħala ċirkostanza aggravanti jew, alternattivament, li tista' titqies mill-qrati nazzjonali fid-determinazzjoni tal-pieni. Din ir-Rakkomandazzjoni hija mfassla biex issaħħaħ il-miżuri meħuda kontra d-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u l-vjolenza diretti fil-konfront tal-persuni Rom. F'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], din ir-Rakkomandazzjoni għandha wkoll l-għan li tippromwovi l-appoġġ għall-vittmi Rom ta' tali kriminalità.

---

[1] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55).

[2] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

(3) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jesprimi prinċipji u drittijiet li l-għan tagħhom huwa li jappoġġaw u jżidu l-ġustizzja soċjali, irrispettivament mis-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Miżuri universali kkomplementati minn miżuri mmirati biex jipproteġu u jappoġġaw gruppi f'riskju għoli ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni soċjali bħal dawk stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Soċjali. It-twettiq tal-Pilastru huwa impenn politiku kondiviż u responsabbiltà. Jenħtieġ li jiġi implimentat kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri f'konformità mal-kompetenzi rispettivi, b'kont debitu meħud tal-ambjenti soċjoekonomiċi differenti u d-diversità tas-sistemi nazzjonali, inkluż ir-rwol tas-sħab soċjali, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

(4) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp sostnut ta' soċjetajiet demokratiċi ugwali u inklużivi f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(5) Il-Kummissjoni ppreżentat proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027, il-Fond Soċjali Ewropew Plus għall-2021-2027 (il-"FSE+ għall-2021-2027"), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni għall-2021-2027. Dawk il-proposti jirreferu għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bħala prinċipji orizzontali li għandu jkun hemm adeżjoni magħhom fl-implimentazzjoni ta' dawk il-Fondi. Il-proposta għall-FSE+ għall-2021-2027 tistieden speċifikament lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni u tirreferi għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-inklużjoni ta' komunitajiet emarġinati bħar-Rom, li hija marbuta mal-kundizzjoni abilitanti ta' qafas strateġiku nazzjonali tar-Rom. Sa meta jiġu adottati dawk il-proposti, din ir-Rakkomandazzjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni futura effettiva tagħhom.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010, intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (l-"istrateġija Ewropa 2020"), tat spinta sinifikanti lill-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali billi stabbiliet miri komuni Ewropej biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex iżżid il-livelli tal-edukazzjoni u tal-impjiegi. Dawk il-miri ma jistgħux jintlaħqu mingħajr ma jittejbu l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, u din ir-Rakkomandazzjoni toffri gwida speċifika dwar dan.

(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011, intitolata "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom fl-2020", li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri javvanzaw b'mod komprensiv l-inklużjoni soċjali u ekonomika tar-Rom u tistabbilixxi miri fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni, kienet ġiet approvata mill-Kunsill fid-19 ta' Mejju 2011. Minkejja l-limitazzjonijiet fit-tfassil inizjali, il-qafas tal-UE kellu valur miżjud importanti li fuqu tkompli tibni r-Rakkomandazzjoni attwali, fost l-oħrajn billi tintegra t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-qafas.

(8) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013[1] tfasslet biex issaħħaħ il-miżuri nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom. Fiha, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri biex jinformaw lill-Kummissjoni kull sena dwar kwalunkwe miżura meħuda f'konformità mar-Rakkomandazzjoni u kwalunkwe progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom (NRIS). Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq dik l-esperjenza, u tirrevedi u tespandi l-miżuri li għandhom jittieħdu.

(9) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2016 dwar "L-aċċellerar tal-proċess ta' integrazzjoni tar-Rom", il-Kunsill sejjaħ lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għall-2020 ("evalwazzjoni fil-fond") u biex tipproponi, abbażi ta' dan, inizjattiva għal wara l-2020. Filwaqt li l-evalwazzjoni fil-fond li saret tirrikonoxxi l-valur miżjud tal-qafas, tinnota li l-persuni Rom fl-Ewropa għadhom qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali u ekonomika.

1 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta’ integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri (ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1).

(10) L-evalwazzjoni fil-fond u l-konklużjonijiet li ġew misluta minnha mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nazzjonali u madwar l-Ewropa kollha juru l-ħtieġa għal impenn imġedded u aktar b'saħħtu għall-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom. Dan l-impenn jenħtieġ li jiżgura attenzjoni speċifika fuq in-nondiskriminazzjoni, inkluż billi jindirizza l-antiżingariżmu – forma speċifika ta' razziżmu kontra l-poplu Rom – u jiffoka fuq l-erba' oqsma ta' inklużjoni soċjoekonomika tal-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni. Jenħtieġ li jirrifletti wkoll il-bżonnijiet ta' gruppi speċifiċi u d-diversità tal-popolazzjoni Rom; jinvolvi lir-Rom fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji għall-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom; itejjeb l-iffissar tal-miri, il-ġbir tad-data, il-monitoraġġ u r-rappurtar; u jagħmel il-politiki ġenerali aktar sensittivi għall-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom. Meta jitfasslu l-miżuri, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-perspettiva tal-ġeneru.

(11) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni wkoll fuq diversi konklużjonijiet li kienu stabbiliti qabel fir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2015 u tat-12 ta' Frar 2019, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016 u fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni mill-2013 ‘l hawn.

(12) Wara l-"qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom sal-2020", fis-7 ta' Ottubru 2020 il-Kummissjoni adottat pakkett li jinkludi l-proposta għal din ir-Rakkomandazzjoni u l-Komunikazzjoni "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" ("il-Komunikazzjoni tas-7 ta' Ottubru 2020"). Il-Komunikazzjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 tistabbilixxi objettivi fil-livell tal-UE u, fejn rilevanti, miri u impenji minimi għall-Istati Membri kollha, possibbilment ikkomplementati minn sforzi nazzjonali addizzjonali u appoġġ mill-Unjoni skont il-kuntest nazzjonali u d-daqs tal-popolazzjoni Rom. Data reċenti turi li sitta minn kull għaxar Ewropej għadhom jemmnu li d-diskriminazzjoni kontra l-persuni Rom hija mifruxa sew f'pajjiżhom, filwaqt li aktar minn sitta minn kull għaxar Ewropej jaqblu li s-soċjetà tista' tibbenefika jekk ir-Rom ikunu integrati aħjar[1]. L-objettiv prinċipali ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tagħti daqqa t'id fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u fil-ġlieda kontra l-esklużjoni tar-Rom, bl-involviment attiv tagħhom.

[1] L-Ewrobarometru Speċjali 493. Id-diskriminazzjoni fl-UE (l-ewwel riżultati maħruġa f'Settembru 2019).

(13) Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-komunitajiet Rom esklużi u żvantaġġati kienu esposti għal impatti negattivi serji kemm fuq is-saħħa kif ukoll soċjoekonomiċi, fattur li jirriskja li jkomplu jiġu aggravati l-inugwaljanzi eżistenti u r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Din ir-Rakkomandazzjoni hija favur it-tnaqqis tal-inugwaljanzi strutturali li jiffaċċjaw ir-Rom billi jiġi indirizzat, fejn rilevanti, l-aċċess limitat tar-Rom għall-ilma nadif, l-infrastruttura sanitarja u s-servizzi tal-kura tas-saħħa, inkluż is-servizzi tat-tilqim, u n-nuqqas ta' faċilitajiet u ħiliet diġitali li jippermettu lir-Rom jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà, inkluż fl-edukazzjoni mill-bogħod, kif ukoll billi jiġu eliminati l-livelli għoljin ta' prekarjetà ekonomika, abitazzjonijiet b'familji ffullati żżejjed, insedjamenti jew kampijiet segregati.

(14) Fil-kuntest taż-żieda fil-populiżmu u r-razziżmu fl-Unjoni[1], hemm bżonn li tingħata attenzjoni lill-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-prevenzjoni tagħha, inkluż billi jiġi indirizzat l-antiżingariżmu, li huwa kawża ewlenija ta', u jaggrava, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 tat-18 ta' Settembru 2020 għalhekk jistabbilixxi firxa ta' azzjonijiet konkreti biex jiġġieled kontra, ir-razziżmu. L-antiżingariżmu huwa forma prevalenti mhux tas-soltu[2] ta' razziżmu, li għandu l-oriġini tiegħu fil-mod kif is-soċjetà ġenerali tħares u tittratta lil dawk meqjusa bħala "żingari" fi proċess ta' "trattament ta' ħaddieħor" storiku[3], li jibni fuq sterjotipi u attitudnijiet negattivi li xi drabi jistgħu jkunu mhux intenzjonati jew inkonxji[4].

---

1 Ir-razziżmu mifrux ikompli jiflaġella l-Ewropa. L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, 20 ta' Ġunju 2019, pubblikazzjoni bbażata fuq Ir-Rapport għall-2019 dwar id-Drittijiet Fundamentali, L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, 6 ta' Ġunju 2019.

2 Ir-Rakkomandazzjoni Nru 3 tal-Politika Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza ("ECRI") dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-intolleranza kontra r-Rom/Żingari, adottata fis-6 ta' Marzu 1998. Il-preambolu tar-Rakkomandazzjoni Nru 13 tal-Politika Ġenerali tagħhom dwar il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom, tenna mill-ġdid li "l-antiżingariżmu huwa forma ta' razziżmu partikolarment persistenti, vjolenti, rikorrenti u komuni."

3 Dokument ta' Referenza tal-Alleanza Kontra l-Antiżingariżmu tal-2017. Meħud minn http://antigypsyism.eu/?page_id=17

4 Dokument ta' konklużjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza ta' Novembru 2018. Antiżingariżmu: Ngħarfuh dejjem iżjed biex Nifhmu u nindirizzaw aħjar il-manifestazzjonijiet tiegħu.

Il-Parlament Ewropew ilu mill-2005 juża t-terminu antiżingariżmu fir-rapporti u fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-28 ta' April 2005, tal-15 ta' April 2015, tal-25 ta' Ottubru 2017 u tat-12 ta' Frar 2019. Diversi organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili rrikonoxxew il-fenomenu, magħruf ukoll bħala r-razziżmu kontra r-Rom, ir-romafobija, u l-antiżiganiżmu. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill irrikonoxxa l-ħtieġa li "jiġġieled il-forom kollha ta' razziżmu kontra r-Rom, xi drabi msejjaħ antiżingariżmu, peress li huwa kawża fundamentali tal-esklużjoni soċjali tagħhom u d-diskriminazzjoni kontrihom". Fit-8 ta' Ottubru 2020, l-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst (IHRA) adottat definizzjoni mhux legalment vinkolanti[1] tal-antiżingariżmu/diskriminazzjoni kontra r-Rom.

[1] https://www.holocaustremembrance.com/resources/working-definitions-charters/working-definition-antigypsyism-anti-roma-discrimination

(15) Meta fil-mira jkun hemm il-popolazzjoni Rom, huwa importanti li jiġu rikonoxxuti l-ħtiġijiet jew il-vulnerabbiltajiet speċifiċi ta' ċerti gruppi[1], inkluż in-nisa Rom, iż-żgħażagħ Rom, it-tfal Rom, il-persuni LGBTI Rom, l-anzjani Rom, il-persuni Rom b'diżabbiltà, dawk li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi jew mingħajr Stat, u r-Rom li jiċċaqilqu fl-UE. Din ir-Rakkomandazzjoni għalhekk tqis l-importanza li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni multipla[2]. Hija tipproponi miżuri li jipproteġu aħjar u jinkludu lit-tfal Rom, li huma partikolarment esposti għad-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni.

---

[1] Li jappartjenu għal diversi kuntesti, pereżempju, li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin, li l-vittmi tagħhom huma prinċipalment nisa u tfal Rom.

[2] It-terminu "diskriminazzjoni multipla" jintuża bħala kunċett kumplessiv għall-każijiet kollha ta' diskriminazzjoni abbażi ta' diversi raġunijiet u li tidher f'żewġ modi possibbli. Dawn jistgħu jkunu f'forma ta' "diskriminazzjoni addittiva", fejn id-diskriminazzjoni sseħħ abbażi ta' diversi raġunijiet ta' diskriminazzjoni li joperaw separatament, u dik ta' "diskriminazzjoni intersezzjonali", fejn żewġ raġunijiet ta' diskriminazzjoni jew aktar joperaw u jinteraġixxu ma' xulxin b'tali mod li jkunu inseparabbli jew indissolubbli. L-indirizzar tad-Diskriminazzjoni Multipla. Prattiċi, politiki u liġijiet. Rapport mill-Kummissjoni Ewropea (2007). Multiple Discrimination in EU Law: Opportunities for Legal Responses to Intersectional Gender Discrimination (Id-diskriminazzjoni multipla fil-liġi tal-UE: Opportunitajiet għal Risposti Legali għad-Diskriminazzjoni Intersezzjonali bejn il-Ġeneri). In-Network Ewropew ta' Esperti Legali fil-Qasam tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Il-Kummissjoni Ewropea (2009).

Konformement mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016, hija tħares ukoll lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet u l-użu tal-potenzjal mhux sfruttat taż-żgħażagħ Rom billi żżid il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fi programmi u miżuri mmirati lejn iż-żgħażagħ bħal dawk imsemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 intitolata "L-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ: Pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss".

(16) Filwaqt li jirrikonoxxi d-diversità li teżisti fost ir-Rom, it-terminu "Rom" jintuża bħala terminu ġeneriku biex jirreferi għal għadd ta' gruppi differenti ta' oriġini Romani bħar-Rom, is-Sinti, il-Kale, iż-Żingari, ir-Romanichels u l-Boyash/Rudari. Jiġbor fih ukoll gruppi bħall-Ashkali, l-Eġizzjani, il-gruppi tal-Lvant (inkluż id-Dom, il-Lom, ir-Rom u l-Abdal), kif ukoll popolazzjonijiet ta' vjaġġaturi, inklużi l-Vjaġġaturi etniċi, il-Yenish jew dawk iddeżinjati bit-terminu amministrattiv "Gens du Voyage", u persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala Żingari, Tsiganes jew Tziganes, mingħajr ma jiċħdu l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawk il-gruppi.

(17) Fil-kuntest tal-mobbiltà intra-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu rrispettati d-dritt għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-kondizzjonijiet għall-eżerċitar tiegħu. Dawk il-kondizzjonijiet jinkludu l-pussess ta' riżorsi suffiċjenti u kopertura komprensiva tal-assigurazzjoni tal-mard, f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Fl-istess ħin, jeħtieġ li wieħed ifittex li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Rom u li jittieħdu miżuri li jippromwovu l-inklużjoni ekonomika u soċjali tagħhom fl-Istati Membri ta' oriġini tagħhom kif ukoll fl-Istati Membri ta' residenza tagħhom.

---

[1] Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

(18) Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Istati Membri jenħtieġ li jagħżlu l-metodi ta' monitoraġġ tagħhom stess, inklużi metodi adatti għall-ġbir tad-data u b'kont meħud tal-fatt li l-ġbir ta' informazzjoni relatata mal-etniċità huwa kwistjoni sensittiva u mhuwiex possibbli f'ċerti Stati Membri, din ir-Rakkomandazzjoni tenfasizza l-importanza li tinġabar data bħala tagħrif fundamentali meħtieġ għat-tfassil ta' miżuri li jtejbu b'mod effettiv is-sitwazzjoni tal-popolazzjoni Rom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u l-Linji Gwida tal-2018 dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza ppubblikati mis-sottogrupp dwar id-Diskriminazzjoni u d-Diversità[2]. Din ir-Rakkomandazzjoni tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-indikaturi bħala metodu ta' monitoraġġ. Il-Komunikazzjoni tas-7 ta’ Ottubru 2020 tispjega li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu indikaturi minn portafoll ta' indikaturi għall-kejl tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, miġbura flimkien mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

1 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

2 Linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza( 2018). Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat l-iżvilupp ta' metodoloġiji xierqa biex tinġabar data rilevanti dwar l-inklużjoni tar-Rom fl-Istati Membri kollha. Inizjattivi ta' politika u appoġġ finanzjarju tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom: sar progress sinifikanti fl-aħħar 10 snin, iżda sforzi addizzjonali huma meħtieġa fil-prattika. Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2016.

(19) Din ir-Rakkomandazzjoni tiffoka b'mod espliċitu fuq miżuri biex tiġi promossa l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom mingħajr ma għandha l-għan li teskludi gruppi żvantaġġati oħra. Dawn il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq l-istess prinċipji f'sitwazzjonijiet komparabbli. F'dan ir-rigward, il-prinċipji bażiċi komuni għall-inklużjoni tar-Rom jibqgħu rilevanti[1]. Il-miżuri għandhom jintegraw ukoll l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom kemm fl-inizjattivi ta' politika tal-Unjoni kif ukoll f'dawk nazzjonali, b'attenzjoni speċjali għall-intersezzjonalità u d-dimensjoni tal-ġeneru. Il-Komunikazzjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 tipprovdi aktar linji gwida dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom.

(20) Wieħed mill-iskopijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tikkonferma impenn fit-tul għall-objettivi kondiviżi dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom u li tipprovdi gwida mġedda u msaħħa billi tistabbilixxi miżuri li l-Istati Membri jistgħu jadottaw biex jilħqu dawk l-objettivi.

[1] Il-Prinċipji Bażiċi Komuni ġew diskussi fl-ewwel Pjattaforma Ewropea għall-Inklużjoni tar-Rom f'April 2009 u approvati mill-Kunsill EPSCO fit-8 ta' Ġunju 2009 f'sett ta' konklużjonijiet li appellaw lill-Istati Membri biex jieħdu kont tal-Prinċipji Bażiċi Komuni, fejn adatt, meta jfasslu u jimplimentaw il-politiki. Konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO dwar l-Inklużjoni tar-Rom (8 ta' Ġunju 2009).

(21) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tal-liġi proċedurali nazzjonali u t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri. Jenħtieġ li jiġi applikat approċċ komuni, iżda differenzjat, b'kont debitu meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali, bħall-għadd u s-sehem ta' persuni Rom fil-popolazzjoni totali, il-kuntest ekonomiku ġenerali, il-karatteristiċi speċifiċi tal-popolazzjonijiet fil-mira f'kull Stat Membru u l-possibbiltà li jistabbilixxu politiki mmirati lejn grupp etniku speċifiku jew le. L-approċċi nazzjonali u l-miżuri rilevanti għall-promozzjoni tal-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-parteċipazzjoni tar-Rom għandhom jitfasslu u jintgħażlu f'konformità maċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi fuq il-post, li jinkludu l-ħtieġa li jiġu indirizzati gruppi żvantaġġati, bħar-Rom, f'kuntest usa'. Għandhom jitfasslu miżuri ġenerali biex jiġi żgurat li l-persuni Rom jintlaħqu b'mod effettiv.

(22) Qafas strateġiku nazzjonali dwar ir-Rom jirreferi għal strateġiji nazzjonali dwar ir-Rom u/jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika f'kuntest soċjoekonomiku usa', li huma rilevanti għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.

B'DAN JIRRAKKOMANDA KIF ĠEJ:

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw oqfsa strateġiċi nazzjonali dwar ir-Rom fi ħdan il-politiki usa' tagħhom dwar l-inklużjoni soċjali li jtejbu s-sitwazzjoni tar-Rom, u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni Ewropea, preferibbilment sa Settembru 2021. Skont id-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, ir-riżorsi disponibbli u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom, kif xieraq, jikkunsidraw ir-rilevanza għall-kuntest nazzjonali tal-miżuri stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni u jimplimentawhom b'mod proporzjonat u selettiv, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Meta jivvalutaw dik ir-rilevanza, l-Istati Membri huma mħeġġa li bħala gwida jkollhom impenji minimi volontarji, u skont il-kuntest nazzjonali, ikun hemm il-possibbiltà ta' sforzi addizzjonali, kif previst fil-Komunikazzjoni.

Objettivi orizzontali: ugwaljanza, inklużjoni u parteċipazzjoni

2. L-Istati Membri għandhom jikkonsolidaw l-isforzi biex jadottaw u jimplimentaw miżuri biex jippromwovu l-ugwaljanza u jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv id-diskriminazzjoni, l-antiżingariżmu, u l-esklużjoni soċjali u dik ekonomika, kif ukoll il-kawżi ewlenin tagħhom. Dawk l-isforzi għandhom jinkludu miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jiġġieldu b'mod dirett id-diskriminazzjoni diretta u indiretta, inkluż bl-indirizzar tal-fastidju, l-antiżingariżmu, l-isterjotipar, ir-retorika kontra r-Rom, id-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u l-vjolenza kontra r-Rom, inkluż l-inċitament għalihom, kemm online kif ukoll offline, b'mod partikolari fil-kuntest tat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 2000/43/KE, id-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI u d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(b) miżuri li jiżviluppaw u jippromwovu sistema komprensiva ta' appoġġ għall-vittmi, f'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE, u li jipprovdu assistenza lill-vittmi Rom ta' reati ta' mibegħda u diskriminazzjoni;

---

[1] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

(c) miżuri li jiġġieldu d-diskriminazzjoni multipla u strutturali[1] kontra r-Rom u b'mod partikolari, kontra n-nisa Rom, iż-żgħażagħ Rom, it-tfal Rom, il-persuni LGBTI Rom, l-anzjani Rom, il-persuni Rom b'diżabbiltà, ir-Rom mingħajr Stat u r-Rom li jiċċaqilqu fl-UE[2];

(d) miżuri li jżidu l-għarfien dwar il-fatt li l-isforzi biex jiġu miġġielda l-prattiki diskriminatorji huma minsuġa flimkien mal-isforzi biex jiġu indirizzati l-antiżingariżmu u l-esklużjoni soċjali u ekonomika, bħala parti minn spinta komuni biex jiġi promoss l-objettiv usa' tal-ugwaljanza;

(e) miżuri li janalizzaw u jirrikonoxxu l-eżistenza tal-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom u iżidu l-għarfien dwar dawk il-fenomeni, il-forom li jieħdu u l-konsegwenzi dannużi tagħhom, permezz tal-media, il-kurrikuli tal-iskejjel u b'mezzi oħra, u pereżempju billi jżidu l-għarfien fost l-impjegati taċ-ċivil u partijiet ikkonċernati oħra dwar il-ħtieġa li jidentifikawhom u jindirizzawhom;

(f) miżuri li jippromwovu attivitajiet u kampanji ta' sensibilizzazzjoni multikulturali fl-iskejjel;

---

1 Id-diskriminazzjoni sistematika jew strutturali hija mifhuma bħala evidenti fl-inugwaljanzi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika, mhux b'intenzjoni iżda li jirriżultaw minn firxa ta' fatturi istituzzjonali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika. "Roma and Traveller Inclusion: Lejn Qafas ġdid tal-UE, Nitgħallmu mill-ħidma tal-korpi tal-ugwaljanza", Perspettiva tal-Equinet", Ġunju 2020.

2 Iċ-ċittadini tal-UE ta' etniċità Rom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

(g) miżuri li jippromwovu l-għarfien tal-kulturi, il-lingwa u l-istorja tar-Rom, inkluż il-memorja tal-Olokawst tar-Rom u l-proċessi ta' rikonċiljazzjoni fis-soċjetà, fost l-oħrajn permezz ta' azzjoni li tipprovdi taħriġ rilevanti għall-għalliema u t-tfassil ta' kurrikuli tal-iskejjel xierqa, peress li dan l-għarfien huwa vitali għat-tnaqqis tal-preġudizzju u l-antiżingariżmu, bħala kawżi importanti tad-diskriminazzjoni;

(h) miżuri li jrawmu narrattivi pożittivi dwar ir-Rom u mudelli Rom ta' eżempju, u fehim aħjar tal-isfidi li jiffaċċjaw ir-Rom, inkluż permezz ta' appoġġ għal laqgħat interkomunitarji u tagħlim interkulturali.

3. L-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra r-rata għolja ħafna ta' riskju ta' faqar u d-deprivazzjoni materjali u soċjali fost il-popolazzjoni Rom, sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għall-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-parteċipazzjoni tar-Rom. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom isegwu approċċ integrat li jiffoka fuq l-oqsma ta' politika rilevanti kollha. Dawk l-isforzi jistgħu jinkisbu permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jiżguraw investiment adegwat fil-kapital uman, l-iżvilupp tal-infrastruttura u l-akkomodazzjoni, kif ukoll politiki ta' koeżjoni soċjali, u li jtejbu l-immirar ta' tali investiment;

(b) miżuri li jiżguraw aċċess għal skemi adegwati ta' protezzjoni soċjali, inklużi kemm appoġġ għall-introjtu kif ukoll benefiċċji in natura u forniment ta' servizzi, għar-Rom żvantaġġati;

(c) miżuri li jikkombinaw l-appoġġ għall-introjtu ma' miżuri ta' attivazzjoni biex jippromwovu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-appoġġ għall-impjiegi, b'mod partikolari għan-nisa Rom u Rom li jiċċaqilqu fl-UE u li jipprovdu informazzjoni dwar ir-rekwiżiti legali ta' eliġibbiltà eżistenti biex jieħdu benefiċċji akkumpanjati minn servizzi ta' attivazzjoni u servizzi ta' appoġġ;

(d) miżuri li jiżguraw li tingħata attenzjoni partikolari għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal, inkluż billi jittieħdu miżuri nazzjonali effettivi li jqisu l-mekkaniżmi li jipperpetwaw il-faqar multiġenerazzjonali u l-ħtieġa li jiġu appoġġati t-tfal Rom u l-familji tagħhom fl-oqsma interrelatati tal-impjiegi, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni kif ukoll l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-aċċess għas-servizzi essenzjali, in-nutrizzjoni, u l-aċċess għall-attivitajiet ta' rikreazzjoni;

(e) miżuri li jappoġġaw il-litteriżmu finanzjarju għal żgħażagħ hekk kif isiru adulti u familji żgħażagħ, inklużi ħiliet aħjar fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fl-ippjanar bħala parti mill-miżuri tal-għoti tas-setgħa u tal-inklużjoni finanzjarja.

4. L-Istati Membri għandhom, kif xieraq, iżidu l-parteċipazzjoni sinifikanti u l-konsultazzjoni tal-poplu Rom, inkluż in-nisa, it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani, u l-persuni b'diżabbiltà sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni tar-Rom. Dan għandu jinkludi miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jappoġġaw iċ-ċittadinanza attiva billi jippromwovu l-parteċipazzjoni soċjali, ekonomika, politika, kulturali, u ċivika, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ Rom;

(b) miżuri li jippromwovu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-tmexxija fis-soċjetà ċivili tar-Rom biex il-poplu Rom ikun jista' jipparteċipa fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-politika u l-ħajja pubblika inġenerali;

(c) miżuri li jippromwovu l-impjieg tar-Rom f'istituzzjonijiet pubbliċi u privati sabiex jappoġġaw id-diversità u l-għarfien espert fi ħdan il-proċess ta' politika u biex jipprovdu mudelli ta' eżempju;

(d) miżuri li iżidu l-għarfien dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet u r-responsabbiltajiet taċ-ċittadini fost il-membri tal-komunitajiet Rom żvantaġġati;

(e) miżuri li jikkoordinaw ir-riżorsi, in-networks u l-għarfien espert fis-setturi kollha biex iżidu l-involviment taż-żgħażagħ Rom fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jgħinu biex jamplifikaw it-tmexxija tagħhom.

Objettivi settorjali

Aċċess għal edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-Rom kollha jkollhom aċċess ugwali effettiv u jkunu kapaċi jipparteċipaw fl-istadji kollha tal-edukazzjoni, mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-indukrar tat-tfal sal-edukazzjoni terzjarja, inkluż l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor, l-edukazzjoni għall-adulti, u t-tagħlim tul il-ħajja, u jkunu jistgħu jipparteċipaw fihom.

6. L-Istati Membri għandhom itejbu l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva tal-istudenti Rom, inkluż permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jipprevjenu u jeliminaw kwalunkwe forma ta' segregazzjoni fl-edukazzjoni u li jiżguraw li jiġi appoġġat il-potenzjal tal-istudenti kollha;

(b) miżuri li jipprevjenu u jeliminaw dijanjożi ħażina li twassal għal tqegħid mhux xieraq ta' studenti Rom f'edukazzjoni għal bżonnijiet speċjali u li jiżguraw li l-allokazzjoni ta' edukazzjoni għal persuni bi bżonnijiet speċjali tkun ibbażata fuq proċedura trasparenti u legali;

(c) miżuri li jipprovdu metodi effettivi għar-rikonoxximent u r-riparazzjoni ta' inġustizzji fl-imgħoddi fil-qasam tal-edukazzjoni, inkluż is-segregazzjoni, it-tqegħid mhux xieraq ta' studenti Rom fi skejjel speċjali u t-trattament mhux ugwali;

(d) miżuri li jippromwovu l-ekwità, l-inklużività u d-diversità fis-sistema edukattiva u fil-klassi, pereżempju, permezz ta' programmi ta' żvilupp professjonali, mentoraġġ u attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari;

(e) miżuri li jħeġġu l-involviment effettiv tal-ġenituri fl-edukazzjoni tal-istudenti Rom u jrawmu rabtiet bejn l-iskejjel u l-komunitajiet lokali, inkluż permezz ta' medjaturi u assistenti tat-tagħlim;

(f) miżuri li jappoġġaw il-parteċipazzjoni ugwali u l-involviment attiv tal-istudenti kollha , inkluż it-tfal b'diżabbiltà, fl-attivitajiet u l-proċessi edukattivi ġenerali;

(g) miżuri li jiġġieldu l-bullying l-fastidju fl-iskejjel, kemm online kif ukoll offline, sabiex jiġu protetti l-istudenti kollha, inkluż ir-Rom;

(h) miżuri li jżidu l-għarfien fost l-għalliema u l-membri l-oħra tal-persunal fl-iskejjel dwar l-istorja tar-Rom, il-kulturi tar-Rom u l-metodi kif wieħed jagħraf u jiġġieled id-diskriminazzjoni u l-kawżi ewlenin tagħha, inkluż l-antiżingariżmu u l-preġudizzju inkonxju, u dwar l-importanza ta' edukazzjoni nondiskriminatorja u aċċess ugwali effettiv għall-edukazzjoni ġenerali;

(i) miżuri li jappoġġaw l-isforzi biex jiżguraw li l-istudenti Rom jiksbu ħiliet skont il-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol.

7. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jegħlbu d-diskriminazzjoni, l-inugwaljanza u l-iżvantaġġi kollha f'termini ta' opportunitajiet edukattivi, eżiti u kisbiet, inkluż fejn rilevanti permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jiżguraw aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni bikrija tat-tfal Rom, inkluż it-tfal Rom żvantaġġati;

(b) miżuri li jipprovdu appoġġ u medjazzjoni individwalizzati biex jikkumpensaw għal nuqqasijiet lingwistiċi, konjittivi u edukattivi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-familji tal-istudenti Rom u jħeġġu l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor u l-edukazzjoni għall-adulti;

(c) miżuri li jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola u l-istudenti li jħallu l-edukazzjoni fil-livelli kollha, inkluż b'enfasi speċifika fuq il-bniet Rom,[1] pereżempju permezz tal-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, il-medjaturi u s-servizzi tal-protezzjoni soċjali;

(d) miżuri li jirrikonoxxu l-vulnerabbiltà tat-tfal li l-ġenituri tagħhom telqu mill-pajjiż u li jipprovdu aċċess prijoritarju għal programmi barra mill-ħin skolastiku u għal appoġġ individwalizzat;

(e) miżuri li jżidu l-mobbiltà soċjali tar-Rom pereżempju permezz ta' azzjoni pożittiva, boroż ta' studju ddedikati fl-edukazzjoni vokazzjonali, sekondarja u għolja u fit-taħriġ tal-għalliema u gwida għall-karriera;

(f) miżuri li jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel bejn il-livelli edukattivi u jippromwovu l-ikkompletar tal-edukazzjoni sekondarja superjuri u terzjarja, inkluż permezz ta' gwida għall-karriera, għoti ta' konsulenza, skemi ta' appoġġ finanzjarju u mentoraġġ;

(g) miżuri li jappoġġaw il-parteċipazzjoni f'tagħlim mhux formali u attivitajiet extrakurrikulari, inkluż attivitajiet għaż-żgħażagħ, sportivi u kulturali fil-qafas tas-saħħa u l-edukazzjoni ċivika, u attivitajiet oħra li jsaħħu l-iżvilupp personali, ir-reżiljenza psikoloġika u l-benesseri;

---

[1] *Roma women in nine EU Member States* (In-nisa Rom f'disa' Stati Membri tal-UE) (2019), rapport mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, jiddeskrivi l-isfidi li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet Rom.

(h) miżuri li jippromwovu, fejn rilevanti, l-akkwist ta' ħiliet diġitali, l-aċċess għall-broadband, l-infrastruttura diġitali adegwata u l-forniment ta' materjal tat-tagħlim mgħammar għat-tagħlim mill-bogħod kemm f'ambjenti edukattivi formali kif ukoll f'dawk mhux formali, sabiex tiġi evitata l-esklużjoni diġitali ta' studenti żvantaġġati soċjoekonomikament, l-għalliema u l-ġenituri tagħhom, u tiġi żgurata komunikazzjoni mal-istudenti Rom, inkluż dawk li jgħixu f'żoni rurali u segregati.

Aċċess għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli

8. L-Istati Membri għandhom jippromwovu aċċess ugwali effettiv għar-Rom, b'mod partikolari liż-żgħażagħ Rom, għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, inkluż, fejn rilevanti, permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jilħqu liż-żgħażagħ Rom[1] biex jiżdied l-għarfien tagħhom dwar is-servizzi ta' impjiegi u soċjali disponibbli u preferibbilment integrati, kif ukoll li joħolqu rabta bejniethom u dawn is-servizzi;

(b) miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żgħażagħ Rom li jkunu qiegħda u persuni Rom inattivi billi jfasslulhom pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati u olistiċi li jqisu l-preferenzi u l-motivazzjoni tagħhom, l-ostakli u l-iżvantaġġi li jaffaċċjaw, u r-raġunijiet għaliex ikunu qiegħda jew inattivi;

---

[1] Skont dak li ġie deskritt fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).

(c) miżuri li jappoġġaw l-ewwel esperjenza ta' xogħol, l-impjiegi, l-apprendistati u l-iżvilupp tal-karriera;

(d) miżuri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg permezz ta' coaching, mentoraġġ, taħriġ vokazzjonali, traineeships, inkubaturi tan-negozju u edukazzjoni doppja;

(e) miżuri li jappoġġaw il-ksib ta' ħiliet diġitali mill-persuni Rom, sabiex ikunu mgħammra aħjar għad-domanda tas-suq tax-xogħol u jisfruttaw l-opportunitajiet offruti fil-ħajja ta' kuljum minn għodod u xejriet diġitali eżistenti u ġodda;

(f) miżuri li jappoġġaw it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-ksib u l-aġġornament tal-kwalifiki professjonali, u l-edukazzjoni tat-tieni opportunità;

(g) miżuri li jippromwovu aċċess ġenwinament ugwali għall-impjiegi indipendenti u l-intraprenditorija, inkluż l-intraprenditorija soċjali, permezz ta' appoġġ immirat;

(h) miżuri li jippromwovu aċċess ugwali għall-impjiegi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat permezz ta' miżuri bħal azzjoni pożittiva u skemi ta' appoġġ għal min iħaddem, kif ukoll itejbu l-aċċess għas-servizzi tal-impjiegi inkluż politiki attivi tas-suq tax-xogħol;

(i) miżuri li jappoġġaw il-mobbiltà tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'żoni rurali u segregati b'opportunitajiet limitati ta' impjieg.

(j) miżuri li jiġġieldu, inaqqsu u jeliminaw id-diskriminazzjoni billi jżidu l-għarfien dwar l-impjiegi mhux diskriminatorji u l-aċċess għall-impjiegi u l-miżuri ta' attivazzjoni, u li jħarrġu lil min iħaddem fil-metodi biex wieħed jagħraf u jindirizza d-diskriminazzjoni u l-kawżi ewlenin tagħha, inkluż l-antiżingariżmu u l-preġudizzju inkonxju.

Is-saħħa u l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi soċjali li jkunu ta' kwalità

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess ugwali effettiv mingħajr ostakli għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi soċjali li jkunu ta' kwalità, speċjalment għal dawk il-gruppi li huma l-aktar f'riskju jew dawk li jgħixu f'lokalitajiet emarġinati jew remoti, inkluż permezz ta' miżuri biex:

(a) miżuri li jippromwovu u jiffaċilitaw l-aċċess ugwali għal:

(i) nisa Rom għal check-ups mediċi ta' kwalità, skrinjar tas-saħħa, kura tas-saħħa qabel u wara l-ħlas, għoti ta' konsulenza u ppjanar tal-familja, kif ukoll kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kif ġeneralment jiġu pprovduti mis-servizzi tal-kura tas-saħħa nazzjonali;

(ii) nisa Rom għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

(iii) tfal Rom għal kura primarja tas-saħħa li tkun ta' kwalità, inklużi programmi preventivi primarji, bħat-tilqim;

(iv) popolazzjonijiet Rom vulnerabbli, bħall-anzjani Rom, il-persuni Rom b'diżabbiltà, il-persuni LGBTI Rom, ir-Rom li jiċċaqilqu fl-UE, ir-Rom li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, u r-Rom mingħajr Stat, għal kura tas-saħħa ta' kwalità;

(b) miżuri li jżidu l-għarfien fost il-persuni Rom dwar miżuri primarji ta' prevenzjoni, bħall-programmi għall-promozzjoni ta' mod ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u għall-prevenzjoni tal-abbuż mis-sustanzi, u li jtejbu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali, fejn rilevanti, permezz tal-medjazzjoni dwar is-saħħa;

(c) miżuri li jipprevjenu u jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra l-persuni Rom permezz ta' sensibilizzazzjoni dwar l-aċċess nondiskriminatorju għas-servizzi tas-saħħa u għall-għoti ta' kura tas-saħħa, u permezz tat-taħriġ ta' prattikanti tas-saħħa, studenti tal-mediċina u medjaturi tas-saħħa f'metodi biex jagħrfu u jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-kawżi radikali tagħha, inklużi l-antiżingariżmu u l-preġudizzju inkonxju;

(d) miżuri li jiġġieldu l-esklużjoni diġitali tal-persuni Rom kollha fl-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa permezz ta' mezzi li jinkludu t-tnaqqis tad-distakk fil-ħiliet diġitali fl-aċċess għall-informazzjoni dwar is-saħħa;

(e) miżuri li jipprevjenu u jeliminaw is-segregazzjoni fil-qasam tas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

(f) miżuri li jiżguraw ir-rikonoxximent u r-riparazzjoni tal-inġustizzji tal-passat fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż l-isterilizzazzjoni furzata, koerċittiva u altrimenti involontarja tan-nisa Rom;

(g) miżuri li jippromwovu l-aċċess ugwali għall-istudji mediċi għall-persuni Rom u jinkoraġġixxu r-reklutaġġ tar-Rom bħala prattikanti tas-saħħa u medjaturi, b'mod partikolari f'reġjuni b'popolazzjoni sinifikanti Rom;

(h) miżuri li jiġġieldu u jipprevjenu t-tifqigħat ta' mard potenzjali f'lokalitajiet emarġinati jew remoti;

(i) miżuri li jiżguraw l-aċċess għar-Rom għal servizzi komunitarji u bbażati fuq il-familja għal persuni b'diżabbiltajiet, persuni anzjani u tfal imċaħħda mill-kura tal-ġenituri, pereżempju servizzi ta' żvilupp, akkomodazzjoni soċjali, ċentri tal-ġurnata għal persuni b'diżabbiltajiet u networks ta' foster parents;

(j) miżuri li jipprevjenu l-istituzzjonalizzazzjoni u jippromwovu l-bidla mill-kura istituzzjonali għal dik komunitarja u bbażata fuq il-familja, billi jipprovdu appoġġ għall-familji f'sitwazzjonijiet prekarji (pereżempju servizzi ta' konsulenza u inċentivi finanzjarji, distribuzzjoni tal-għajnuna alimentari, akkomodazzjoni assistita u servizzi ta' żvilupp.)

(k) miżuri li jippromwovu l-iskambju u t-trasferiment tal-aħjar prattiki b'rabta mas-saħħa pubblika tal-persuni Rom, pereżempju billi jużaw il-qafas tas-saħħa pubblika tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli;

(l) miżuri li jippromwovu r-riċerka dwar il-mard li huwa aktar prevalenti fost il-persuni fir-riskju tal-faqar u l-prevenzjoni tiegħu.

Aċċess għal akkomodazzjoni xierqa mhux segregata u għal servizzi essenzjali

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw trattament ugwali tal-persuni Rom fl-aċċess għal akkomodazzjoni xierqa mhux segregata u servizzi essenzjali, inkluż permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:

(a) miżuri li jiżguraw aċċess għal servizzi essenzjali – bħall-ilma tal-vit, ilma tax-xorb sikur u nadif[1], sanitazzjoni adegwata, ġbir u servizzi ta' ġestjoni tal-iskart, servizzi ambjentali, elettriku, gass, trasport, servizzi finanzjarji u komunikazzjonijiet diġitali – u infrastruttura fiżika, billi jissalvagwardjaw il-kontinwità tas-servizzi ta' utilità bażiċi, kemm taħt kundizzjonijiet normali kif ukoll matul il-pandemiji, il-katastrofijiet ekoloġiċi u kriżijiet oħra;

(b) miżuri li jissorveljaw, jipprevjenu u jiġġieldu kwalunkwe segregazzjoni spazjali u jippromwovu d-desegregazzjoni billi jfasslu pjanijiet konkreti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni bl-involviment tal-komunitajiet lokali u l-komunitajiet Rom affettwati;

(c) miżuri li jappoġġaw u jsaħħu l-awtoritajiet pubbliċi b'mod ġenerali responsabbli għall-akkomodazzjoni, is-servizzi essenzjali u l-istandards ambjentali, kif ukoll atturi rilevanti oħra f'dawk l-oqsma, pereżempju billi jipprovdulhom il-mandat u r-riżorsi meħtieġa biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni, jimmonitorjaw is-segregazzjoni u jimplimentaw miżuri komprensivi regolatorji jew ta' appoġġ fejn meħtieġ;

---

1 Ara l-Artikolu 16, flimkien mal-Premessa 31, tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

(d) miżuri li jipprevjenu l-iżgumbramenti sfurzati billi jippromwovu t-twissija bikrija u medjazzjoni, li jorganizzaw appoġġ għal persuni li jinsabu f'riskju li jiġu żgumbrati u, meta meħtieġ, li jipprovdu akkomodazzjoni alternattiva adegwata, b'enfasi partikolari fuq il-familji;

(e) miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu Rom, li jipprevjenu u li jindirizzaw l-impatt negattiv fuq is-saħħa minħabba l-esponiment għat-tniġġis u l-kontaminazzjoni;

(f) miżuri li jipprovdu appoġġ soċjali u aċċess għas-servizzi ġenerali għall-persuni Rom bla saqaf fuq rashom;

(g) miżuri li jiżguraw aċċess ugwali għal assistenza għall-akkomodazzjoni u li jieħdu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-individwi u tal-familji;

(h) miżuri li jappoġġaw skemi ta' akkomodazzjoni integrati li jkollhom il-persuni Rom emarġinati fil-mira tagħhom permezz ta' miżuri bħal li jgħaqqdu l-mikroself biex jibnu u jagħmlu manutenzjoni tad-djar għall-akkomodazzjoni flimkien mal-litteriżmu finanzjarju u skemi ta' tfaddil, taħriġ dwar il-kostruzzjoni u miżuri ta' attivazzjoni;

(i) miżuri li jappoġġaw il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' ċentri residenzjali fejn jieqfu t-Travellers.

Sħubijiet u kapaċità istituzzjonali

Involviment u appoġġ tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom

11. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom b'riżorsi adegwati u meħtieġa, kapaċità tal-persunal u awtorità istituzzjonali, u jagħtuhom is-setgħa sabiex ikunu jistgħu jikkoordinaw u jimmonitorjaw b'mod effettiv il-politiki nazzjonali għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, inkluż is-sensibilizzazzjoni fil-livell lokali.

12. L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involviment tas-soċjetà ċivili tar-Rom fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni ta’ oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom u pjanijiet ta' azzjoni lokali, permezz ta' proċessi riformati tal-pjattaformi nazzjonali tar-Rom.

13. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom ikunu involuti fit-tfassil tal-politiki ta' inklużjoni soċjali u tas-servizzi universali, sabiex itejbu r-rilevanza tagħhom għall-poplu Rom u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni li joffru, inkluż, fejn rilevanti, fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ipprogrammar u l-monitoraġġ tal-fondi tal-Unjoni.

Involviment tal-korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali

14. L-Istati Membri għandhom, fi ħdan l-oqfsa legali nazzjonali rispettivi tagħhom, jappoġġaw korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali ("korpi tal-ugwaljanza") sabiex ikunu jistgħu, fl-ambitu tal-mandati tagħhom, jiffunzjonaw b'mod effettiv u indipendenti u jikkooperaw mal-atturi rilevanti kollha, inklużi l-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom, l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat. Tali appoġġ għandu jinkludi, fejn applikabbli, li l-korpi tal-ugwaljanza jingħataw il-possibbiltà li:

(a) jieħdu azzjoni ta'segwitu kontra każijiet ta' diskriminazzjoni, diskorsi ta' mibegħda u reati ta' mibegħda u jkunu attivi f'litigazzjoni strateġika;

(b) jindirizzaw il-problema ta' sottorappurtar ta' diskriminazzjoni, diskorsi ta' mibegħda u reati ta' mibegħda, u jżidu l-għarfien dwar id-drittijiet fost ir-Rom;

(c) iwettqu riċerka, u jiġbru data, dwar l-ugwaljanza tar-Rom u d-diskriminazzjoni fil-konfront tar-Rom;

(d) isaħħu l-kapaċità tas-soċjetà ċivili tar-Rom u jikkooperaw magħha, b'enfasi fuq l-aċċess għall-ġustizzja u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza;

(e) jipprovdu gwida u taħriġ lill-pubbliku ġenerali kif ukoll lill-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati.

15. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-korpi tal-ugwaljanza li jkunu involuti mill-qrib, u li jikkontribwixxu b'mod effettiv, fir-rigward tat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni u tal-programmi rilevanti ta' fondi tal-Unjoni, fejn rilevanti, inkluż billi:

(a) jibbażaw fuq il-pariri mill-korpi tal-ugwaljanza dwar standards għall-implimentazzjoni ta' oqfsa strateġiċi nazzjonali biex jiżguraw fokus aktar qawwi fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-prevenzjoni tagħha, inkluż billi jiġi indirizzat l-antiżingariżmu, fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi sforzi biex tiġi eradikata d-diskriminazzjoni strutturali;

(b) jgħinu lill-korpi tal-ugwaljanza sabiex ikunu involuti fi istrutturi stabbiliti biex jissorveljaw l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom, u fil-kumitati għall-monitoraġġ tal-fondi rilevanti tal-Unjoni.

Mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali

16. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lis-soċjetà ċivili lokali fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali kif rilevanti.

17. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, fil-mandati rispettivi tagħhom, biex jiżviluppaw jew jaġġornaw il-pjanijiet ta' azzjoni jew desegregazzjoni lokali tagħhom jew l-oqfsa strateġiċi tar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni. Dawk il-pjanijiet lokali jew oqfsa strateġiċi għandhom, kemm jista' jkun possibbli, jinkludu miżuri, linji bażi, punti ta' riferiment, objettivi li jistgħu jitkejlu u allokazzjoni ta' finanzjament.

18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni rilevanti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni tar-Rom, sabiex ikun żgurat li l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom ikunu previsti matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi, u sabiex jissaħħaħ id-direzzjonar aħjar tal-fondi tal-Unjoni fil-livell lokali.

19. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-inklużività u d-diversità permezz ta' miżuri adatti, bħal azzjoni pożittiva biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-impjiegi għar-Rom fl-istituzzjonijiet pubbliċi fil-livell lokali u reġjonali.

20. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-għoti ta’ setgħat lin-nisa u l-irġiel Rom u jirrikonoxxu r-rappreżentanzi tagħhom fil-livell lokali.

Kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili

21. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-innovazzjoni soċjali, is-sħubija u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u r-Rom u s-soċjetà ċivili pro-Rom.

22. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-pjattaformi nazzjonali tar-Rom jew minn kwalunkwe mezz ieħor ta' kooperazzjoni u djalogu fl-Istati Membri biex jinvolvu lir-Rom u lis-soċjetà ċivili pro-Rom u partijiet ikkonċernati oħra, b'mod trasparenti u inklużiv, fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom u l-pjanijiet ta' azzjoni lokali.

23. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ u r-rapportar ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda kif ukoll reati oħra kontra r-Rom u jassistu lill-vittmi fir-rappurtar ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda.

24. L-Istati Membri għandhom jiżguraw finanzjament għall-appoġġ tal-pluralità u l-indipendenza tar-Rom u tas-soċjetà ċivili pro-Rom, inkluż l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ Rom, biex b'hekk ikunu jistgħu jirrapportaw dwar l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom u jwettqu monitoraġġ tagħhom, bħala organizzazzjonijiet indipendenti ta' kontroll (watchdogs), u biex iżommu l-kapaċità amministrattiva tagħhom.

25. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lis-soċjetà ċivili u lill-komunitajiet Rom matul iċ-ċiklu tal-programm tal-fondi tal-Unjoni, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali inkluż bħala membri tal-kumitati rilevanti tal-monitoraġġ tal-fondi tal-Unjoni.

26. L-Istati Membri għandhom jippromwovu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-tmexxija fis-soċjetà ċivili tar-Rom, inkluż l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, biex il-korpi u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-politika u fil-ħajja pubblika inġenerali.

27. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-ħidma transsettorjali u alleanzi usa' għall-ugwaljanza u l-inklużjoni, billi jinvolvu lill-gvern, lis-soċjetà ċivili, lin-negozju u lill-industrija, lill-akkademiċi u r-riċerka. Dan jista' jwassal għal azzjonijiet konġunti fost l-entitajiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġġieldu kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini razzjali jew etnika, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata magħha, jew li jaħdmu favur id-drittijiet tat-tfal, tal-anzjani, tar-Rom, tal-persuni LGBTI, tal-persuni b'diżabbiltajiet, tal-persuni li jfittxu ażil, tar-refuġjati u ta' migranti oħra u persuni mingħajr Stat.

Kooperazzjoni tranżnazzjonali

28. L-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni u t-tagħlim bejn il-pari dwar l-aktar metodi effettivi għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin rilevanti kollha tal-Unjoni.

29. L-Istati Membri għandhom irawmu sħubija u skambju tranżnazzjonali billi jappoġġaw in-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom, in-network UE-Rom, il-Pjattaforma Ewropea għar-Rom.

30. Xi ċittadini Rom li jiċċaqilqu fl-UE li jistabbilixxu rwieħhom fi Stati Membri li ma jkunux l-Istati Membri ta' oriġini tagħhom, jew li joqogħdu temporanjament f'tali Stat Membru, inkluż biex jeżerċitaw opportunitajiet ta' impjieg staġjonali jew fuq perijodu qasir, jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' forom adatti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, u l-parteċipazzjoni attiva fihom, inkluż proġetti u ftehimiet bilaterali jew multilaterali, filwaqt li jirrispettaw il-qafas legali tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali fis-seħħ. Dan jista' jinkludi, pereżempju, kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-aċċess għall-edukazzjoni, l-esperjenza u l-eżiti tal-edukazzjoni, fost it-tfal Rom, u l-ħtiġijiet u l-isfidi fil-livell muniċipali. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-parteċipazzjoni tar-Rom stess.

Finanzjament

31. L-Istati Membri, b'mod partikolari dawk bi sfidi akbar fl-ambitu tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom u/jew komunitajiet akbar tar-Rom, għandhom jagħmlu użu sħiħ u ottimali mill-fondi nazzjonali u tal-Unjoni ġenerali u mmirati li jkunu ta' rilevanza għall-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, id-diskriminazzjoni tar-Rom, li jaf jinkludi l-għażla ta' objettivi speċifiċi għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika tal-gruppi żvantaġġati u l-komunitajiet emarġinati bħar-Rom[1], u l-iżgurar ta' koordinazzjoni effettiva bejn is-sorsi ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti għall-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjoekonomika tar-Rom.

---

[1] Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(1) (v u viii) tal-proposta għall-FSE+ għall-2021-2027.

32. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, is-sħab soċjali u ekonomiċi u korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, u l-korpi inkarigati mill-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, tad-drittijiet fundamentali u tan-nondiskriminazzjoni matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, inkluż il-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ.

33. L-Istati Membri għandhom jallokaw riżorsi nazzjonali adegwati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika mressqa mill-qafas strateġiku għar-Rom tal-UE għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni, u mill-oqfsa strateġiċi nazzjonali, filwaqt li jiżguraw li dawn jirriflettu l-ħtiġijiet reali tal-komunitajiet Rom u jkunu proporzjonali mad-daqs u l-isfidi tal-komunitajiet Rom.

34. Il-pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1] għandhom iqisu u jippromwovu d-drittijiet ta', u l-opportunitajiet indaqs għal, kulħadd u jrawmu l-inklużjoni ta' gruppi żvantaġġati, inkluż ir-Rom u persuni oħra bi sfond razzjali jew etniku minoritarju.

35. L-Istati Membri għandhom itejbu t-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi tal-Unjoni jew ir-riformi strutturali għall-inklużjoni soċjoekonomika tal-minoranzi, pereżempju billi jitolbu assistenza teknika mill-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

36. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu ta' fondi nazzjonali u tal-Unjoni biex isaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet fil-livell ċentrali u lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jgħinu biex ikun hemm skambju ta' prassi tajba bejniethom, sabiex dawk l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni tar-Rom billi jitħaffef il-pass tal-ugwaljanza u l-inklużjoni, inkluż billi jiġġieldu s-segregazzjoni u jippromwovu l-parteċipazzjoni tar-Rom.

37. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-livell lokali, inkluż dawk ta' żoni urbani, fejn rilevanti, sabiex jappoġġaw ir-Rom mobbli tal-UE, inkluż billi jipprovdu taħriġ fil-lingwa, edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, skola, servizzi pubbliċi tal-impjiegi, ħaddiema soċjali, medjaturi, eċċ.

Monitoraġġ u rappurtar dwar l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom

38. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali billi jużaw, kif xieraq, il-portafoll ta' indikaturi żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-"Aġenzija"), il-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom, l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni fil-kuntest tal-grupp ta' ħidma dwar l-indikaturi ta' integrazzjoni tar-Rom u r-rappurtar dwar dan, ikkoordinat mill-Aġenzija[1]. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll indikaturi nazzjonali, f'konformità mal-iżvilupp tal-oqfsa legali nazzjonali u l-approċċi ta' politika tagħhom u s-sitwazzjoni tal-persuni Rom fit-territorju tagħhom.

[1] L-Anness 2 tal-Komunikazzjoni tas-7 ta' Ottubru 2020, u l-Qafas ta' monitoraġġ għal qafas strateġiku tal-UE għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni tar-Rom – Objettivi u indikaturi).

39. Fid-dawl tal-objettivi u l-miri ewlenin tal-Unjoni stabbiliti fil-Komunikazzjoni, l-Istati Membri għandhom, kif rilevanti, jinkludu miri kwantitattivi u/jew kwalitattivi nazzjonali fl-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom, imfassla speċifikament għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u għall-għażliet disponibbli għall-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza, li jistgħu jinkludu, pereżempju, jew data diżaggregata etnikament jew data proxy soċjodemografika rilevanti, jew taħlita tat-tnejn.

40. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura meħuda taħt din ir-Rakkomandazzjoni sa Ġunju 2023. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni fuq bażi biennali dwar miżuri li jkunu għaddejjin u ġodda, inkluża informazzjoni dwar kwalunkwe progress miksub f'kull qasam tematiku fl-implimentazzjoni ta' oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom. Ir-rapporti mill-Istati Membri ser jintużaw biex jikkontribwixxu għar-rapporti ta' evalwazzjoni u biennali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni.

41. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw id-divulgazzjoni pubblika sħiħa tar-rapporti nazzjonali dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom sabiex tiżdied it-trasparenza u jingħata lok għall-apprendiment tal-politika, u jorganizzaw, fejn ikun rilevanti, għall-istrateġija nazzjonali u r-rapporti ta' implimentazzjoni finalizzati biex jiġu diskussi fil-parlamenti nazzjonali.

42. L-Aġenzija għandha twettaq stħarriġ regolari dwar ir-Rom fl-2020, l-2024 u l-2028, biex tipprovdi d-data meħtieġa għal riżultati f'xenarju bażi, f'nofs it-terminu u fi tmiem it-terminu, li jirriflettu kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tar-Rom. L-Aġenzija għandha tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiġbru d-data rilevanti dwar l-ugwaljanza, tappoġġa lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ u l-analiżi, u tappoġġa lill-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom fir-rappurtar, bl-assistenza tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-indikaturi u r-rappurtar tar-Rom.

B'DAN JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

43. Tiżgura li l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri sservi bħala bażi għat-tħejjija tar-rapporti tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom.

44. Tkompli tagħmel sforzi biex tintegra l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin rilevanti kollha tal-Kummissjoni u tkompli wkoll timmonitorja l-politiki għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom fil-qafas tas-Semestru Ewropew u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

45. Tkompli trawwem is-sħubija u l-iskambju tranżnazzjonali billi tappoġġa n-network tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom, in-network UE-Rom, il-Pjattaforma Ewropea tar-Rom, l-Azzjoni Preparatorja tal-Parlament Ewropew għall-monitoraġġ tas-soċjetà ċivili u n-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet).

Din ir-Rakkomandazzjoni tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri effettivi ta' integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*